Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

No: 33/16

**AVVIŻI**

**14 ta' Awwissu 2016**

Nhar it-Tnejn 15 ta' Awwissu niċċelebraw il-Festa ta' Marija Assunta. Hija festa kkamdata għalhekk il-ħin tal-quddies ikun bħal tal-Ħadd. Il-Quddiesa tal-Ħadd filgħaxija tkun tal-Vġili ta' din is-Solennità.

Inħeġġu lil kulħadd biex niġu fil-ħin għall-quddies u nkunu attenti biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla u niċċelebraw il-fidi tagħna.

Nhar it-Tlieta bejn l-10am u nofsinhar ikun hawn Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Knisja.

Infakkrukom li kull nhar ta' Ħamis issir quddiesa bis-sehem tat-tfal fis-7pm

Qed toqrob sena kateketika oħra. Fil-jiem li ġejjin il-ġenituri tat-tfal għandhom jirċievu ittra bid-dettalji tal-ewwel laqgħa li sa ssir għalihom f'Settembru. Dawk li jħossu li jistgħu jagħtu servizz bħala katekisti jew jafu lil xi ħadd li għandu l-kwalitajiet meħtieġa għal dan il-ministeru għandhom javviċinaw lill-kappillan. Nixtiequ li jkun hemm ukoll xi LSA li jkunu lesti li joffru ftit mill-ħin tagħhom biex jgħinu lil dawk li jkollhom bżonn.